# IL-FESTA TA' MARIJA ANNUNZJATA F'ĦAL TARXIEN FL-1934

Ħal Tarxien sa mill-antik kellu devozzjoni speċjali lejn Marija Annunzjata. Tant hu hekk, li qabel il-Knisja rikka u sabiħa li għandna fil-preżent li nbniet fis-Seklu 17, ġa kien hemm Knisja oħra dedikata lil Marija Annunzjata f'tarf ir-raħal.

Għall-festa li saret lil Marija Annunzjata fl-1934, it-Tarxiniżi ma naqsux li juru din id-devozzjoni lejn il-Madonna billi għamlu festa mill-aqwa. Kemm il-Kappillan, Dun Salv Galea, kif ukoll il-poplu għamlu kull ma setgħu biex tirnexxi. Dun Salv, kif kien tant magħruf, twieled l-Isla, ġie maħtur kappillan ta' Ħal Tarxien f'Novembru 1921 u baqa' magħruf għall-paċenzja u l-ħlewwa ta' kliemu u għat-tjubija li kellu mannies. Hu miet f'Jannar 1935.

Il-festa kienet fuq firxa ta' erbat ijiem, barra n-novena, mill-Ġimgħa sat-Tnejn, għaliex dak iż-żmien il-festa kienet issir fil-ġurnata liturġika tagħha, jiġifieri fil-25 ta' Marzu. Il-predikatur tan-Novena kien il-Kan. Kap. Mons. Carmelo Zammit D.D. mill-Imsida. Barra li kien difensur kbir tal-jeddijiet tal-Knisja kien ukoll rappreżentant tal-Kleru fis-Senat fl-1927.

Nhar il-festa, bla dubju ta' xejn kienet l-aktar ġurnata ta' ferħ fejn iċ-ċelebrant prinċipali mill-Vespri sal-puċissjoni, kien il-Kan. Kap. Dun Vinċenz Azzopardi D.D., filwaqt li ċ-ċelebrant kien il-Kan. Kap. Dun Emmle. Galea D.D, Segretarju ta' Mons Arċisqof Dom Mauro Caruana O.S.B. Dun Manwel kien ħu l-Kapillan ta' Ħal Tarxien, Dun Salv Galea hu prelat għaref tal-Knisja Maltija, xempju ta' l-umiltà u prudenza kif ukoll oratur magħruf. Aktar tard kien ġie kkonsagrat Isqof.

Il-paneġirku kien ġie afdat lill-Kan. Kap. Dun Nerik Bonnici D.D. mill-Furjana. Il-purċissjoni bl-istatwa ta' Marija Annunzjata, xogħol fl-injam ta' Mastru Xandru Farrugia fis-Seklu 19, kienet akkompanjata minn diversi Kappillani li kienu minn Ħal Tarxien jew trabbew hawm, fosthom dawk ta' Ħal Safi, Ħal Kirkop, Raħal Ġdid u Birżebbuġa. Ma' dawn kien hemm ukoll Kanonċi mill-parroċċi ta' l-Isla u Bormla.



Il-festa ta' l-1934 għaddiet u bħalha għaddew il-festi kollha li ġew warajha. Kull sena l-poplu Tarxiniż baqa' devot lejn Marija Annunzjata. Anki din is-sena t-Tarxiniżi, jsellmulek O Marija ma' l-Anġlu Gabriel bil-kliem sabiħ ta' Ave Maria Gratia Plena, u hekk aħna flimkien miegħek O Marija ngħidu, "Hekk hi s-serva tas-Sinjur, isir fija skond il-kelma tiegħek'.

VINCENT BATTISTINO